# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 870/13/1 JZM**

**Dr Suzanne Wolfe Martin bħala mandatriċi tas-soċjetà Urtica Limited reġistrata fil-Gżejjer Cayman**
**v.**
**Geraldine Schembri f'isimha proprju u bħala likwidatur ta' Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189)**
**u**
**b'digriet tat-23 ta' Jannar 2014 Dr Suzanne Wolfe Martin ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* bħala mandatarja speċjali tal-assenti Frantisek Komarek u tal-assenti Karel Komarek Sen.**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma diversi appelli; tnejn miftuħin mill-konvenuta minn sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili  fit-28 ta' Frar 2017 (minn issa 'l

quddiem imsejjħa l-Ewwel Sentenza) u fit-13 ta' Lulju 2017 (minn issa 'l quddiem imsejjħa t-Tieni Sentenza); u appell inċidentali tal-attriċi appellata mill-Ewwel Sentenza.

2. Urtica Limited ("Urtica") u Malverine Limited kienu l-aħħar żewġ azzjonisti ta' Bonatrans Group Holdings Limited ("BGH"). Skont riżoluzzjoni ta' Bonatrans, tnediet proċedura għall-istralċ tagħha u nħatret Geraldine Schembri (il-konvenuta) bħala likwidatur. BGH ġiet stralċjata fl-4 ta' Ottubru 2011. Wara x-xoljiment, Urtica talbet informazzjoni mingħand il-likwidatur, li weġbitha li l-kumpanija ma kinitx għadha teżisti u għalhekk ma kienx għad fadal soċji li setgħu jippretendu drittijiet ta' soċji. Għalhekk fetħet din il-kawża li permezz tagħha talbet lill-Qorti:

(i) Tiddikjara li għad għandha d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u dokumenti li kellha bħala soċju.

(ii) Tiddikjara li r-rifjut tal-konvenuta li tagħtiha l-informazzjoni u dokumenti jiksru l-obbligi tagħha ta' likwidatur.

(iii) Tikkundannaha tagħtiha dan l-aċċess.

(iv) Tiddikjara li r-rifjut tas-segretarja (sic)[1] ta' Bonatrans ikkawżalha d-danni.

(v)Tikkundanna lill-konvenuta tħallas dawn id-danni.

3. Ir-raba' u l-ħames talbiet ġew ċeduti.

4. Permezz tal-Ewwel Sentenza, għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sa fejn it-tagħrif (inkluż dokumenti) huwa relatat biss **mat-twaqqif** tal-kumpanija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189) iżda ċaħdithom sa fejn jirrigwardaw tagħrif (inkluż dokumenti) li huwa relatat **mal-operat** tagħha.

5. Dwar id-dritt għal tagħrif waqt l-**operat** ta' kumpanija, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li dan id-dritt huwa limitat ħafna u li t-talba tal-attriċi ma taqax *entro* dawn il-parametri.

6. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-attriċi għandha dritt tingħata tagħrif dwar it-**twaqqif** ta' BGH.

7. Wara l-Ewwel Sentenza, l-kawża tħalliet għad-deċiżjoni dwar ir-raba' u l-ħames talbiet iżda dawn, kif diġà ngħad, ġew ċeduti.

[1] Is-Segratarja mhix parti f'din il-kawża.

8. Permezz tat-Tieni Sentenza, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kap tal-ispejjeż billi ordnat:

(i) Lill-attriċi tħallas l-ispejjeż tagħha u tal-konvenuta relatati mal-provvediment tat-12.05.2016.

(ii) L-intervenuta fil-kawża biex tħallas l-ispejjeż tagħha tal-istess provvediment.

(iii) L-attriċi, il-konvenuta u l-intervenuta fil-kawża jħallsu l-ispejjeż rispettivi tagħhom dwar l-ewwel tlett talbiet.

(iv) L-attriċi tħallas l-ispejjeż tagħha u tal-konvenuta dwar ir-raba' u l-ħames talbiet.

(v) L-intervenuta tħallas l-ispejjeż tagħha stess dwar ir-raba' u l-ħames talbiet.

9. Is-sentenzi ma ssodisfaw lill-ebda parti. Il-konvenuta qiegħdha titlob fl-ewwel lok ir-riforma tal-Ewwel Sentenza billi titħassar il-parti tagħha fejn din laqgħet it-talba għal tagħrif dwar **it-twaqqif** tagħha; l-attriċi qiegħdha topponi għal dan u bl-appell inċidentali titlob li apparti tagħrif dwar it-

twaqqif, **tingħata wkoll tagħrif dwar l-operat**. Iż-żewġ partijiet jitolbu riforma fit-tieni sentenza konsegwenzjali għar-riforma fl-ewwel sentenza.

10. Fis-sustanza, d-doljanza tal-konvenuta appellanti hi li:

(i) It-talba tal-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha hi limitata għall-pretenzjoni tagħha, bħala azzjonista, għall-informazzjoni dwar l**-operat** ta' BGH. Dan jirriżulta b'mod inekwivoku meta l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha speċifikat x'kienet din l-informazzjoni.

(ii) L-appellanti kellha diversi rwoli fil-kumpanija iżda kollha kienu wara u mhux qabel jew waqt il-formazzjoni tagħha.

(iii) L-Ewwel Qorti għamlet riferenza għas-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Wolfe Martin bħala mandatarja speċjali ta' Frantisek Komarek, Karel Komarek u Urtica Limited v. Ganado & Associates Advocates u Ganado Services Limited** mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2015 li anke fiha l-attriċi f'din il-kawża kienet waħda mill-atturi u kienet tinvolvi lill-istess BGH, in sostenn tad-deċiżjoni tagħha li tordna li tingħata informazzjoni dwar it-**twaqqif** ta' BGH. L-Ewwel Qorti naqset li tapprezza li dik il-kawża kienet kontra d-ditta ta' avukati li kienu nkarigati jieħdu ħsieb it-twaqqif ta' BGH, filwaqt li fil-każ preżenti, il-konvenuta, issa appellanti, ma kellha ebda rwol fih u lanqas għandha f'idejha l-informazzjoni dwarha.

(iv) L-attriċi ma kinitx waħda mill-promoturi li waqqfet lil BGH billi akkwistat l-ishma tagħha fi stadju wara li twaqqfet il-BGH. Allura m'għandhiex interess li jkollha aċċess għal dokumenti dwar l-istess twaqqif.

11. L-attriċi appellata wieġbet fir-risposta tal-appell tagħha li mhux veru li l-appellanti ma kinitx involuta waqt il-formazzjoni ta' BGH u dan kif ikkonfermat hija stess waqt ix-xhieda tagħha.

12. Din il-Qorti tinnota li l-konvenuta Geraldine Schembri ġiet imħarrka kemm f'isimha personali kif ukoll bħala likwidatur ta' BGH. B'danakollu, hija talbet (fit-tieni talba) biss li r-rifjut tal-konvenuta li tforni l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba "**jikser l-obbligazzjonijiet assunti meta ġiet aċċettata l-ħatra ta' likwidatur".** It-tielet talba hija konsegwenzjali għat-tieni talba billi hija għall-kundanna tal-konvenuta li tforni l-informazzjoni msemmija fit-tieni talba. It-tieni talba hija limitata għar-rwol tal-konvenuta **bħala likwidatur**. Rwol li nħoloq mhux biss wara r-reġistrazzjoni tal-kumpanija, imma saħansitra fit-tmiem tal-operat tagħha. Kariga li nħolqot biss ferm wara t-twelid tagħha, fil-mument tal-agonija qabel il-mewt; żgur li mhux fil-mument tal-konċepiment.

13. Kemm il-premessi kif ukoll it-talbiet fir-Rikors Ġuramentat jagħmluha ċara li dak li qiegħed jintalab huwa ċirkoskritt għar-rwol tal-konvenuta bħala likwidatur. Kif inhu sewwa magħruf, il-parametri tal-azzjoni

jirriżultaw mir-Rikors Ġuramentat u mhux ukoll mill-atti proċesswali sussegwenti, u l-ebda interpretazzjoni wiesa' jew imġebbda m'għandha tingħata lill-att promotur tal-kawża fid-dawl ta' dawn l-atti sussegwenti speċjalment meta, bħal fil-każ quddiem din il-Qorti, jkun redatt b'mod ċar u inekwivoku. Il-kjarezza tat-talba hija meħtieġa biex il-konvenut ikun jaf dwar xhiex għandu jiddefendi ruħu. B'danakollu, fil-każ preżenti, jekk qatt kellu jingħad li kien hemm xi ekwivoku, żgur li ġie mneħħi billi, kif sewwa tirrileva l-konvenuta appellanti fir-Rikors tal-Appell tagħha, l-attiċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti,[2] tagħmel elenku tad-dokumenti li tippretendi li għandha dritt għalihom. Dawn huma kollha relatati għall-operat tal-kumpanija, u mhux għat-twaqqif tagħha.

14. Kif huwa sewwa magħruf, il-Qorti hija strettament marbuta mal-parametri imposti fir-rikors promotur. Li jfisser li l-pronunzjament tal-Ewwel Qorti dwar informazzjoni relatata mal-formazzjoni tal-kumpanija kien *extra petita*.

15. Għalhekk dan l-aggravju tal-konvenuta huwa wieħed validu. In vista ta' dan, m'hemmx għalfejn jiġu kkunsidrati l-aggravji l-oħrajn dwar l-Ewwel Sentenza.

---

[2] Ara Fol. 486 *et seq*.

16. L-aggravju dwar it-tieni sentenza, sejjer jiġi ttrattat fid-*decide* in vista tad-deċiżjoni li sejra tieħu din il-Qorti dwar l-Ewwel Sentenza.

Ikkunsidrat:

18. L-**appell inċidentali** tal-attriċi appellata huwa dwar:

(i) Iċ-ċaħda dwar l-informazzjoni u dokumenti tal-perjodu ta' wara l-inkorporazzjoni ta' BGH.

(ii) Il-mod kif inqasmu l-ispejjeż.

19. Permezz tal-**appell inċidentali** l-attriċi appellata ressqet dawn l-aggravji dwar iċ-ċaħda tal-Ewwel Qorti li l-attriċi tingħata informazzjoni dwar l-**operat** ta' BGH:

(i) L-Ewwel Qorti enfasizzat li d-dritt għall-informazzjoni li għandu azzjonist huwa limitat. L-appellata għamlet elenku tad-dokumenti mitluba minnha u r-raġunijiet l-għala kienet qiegħdha titlobhom. Spjegat kif skontha dawn jaqgħu fil-parametri tal-limiti stabbiliti mill-ewwel Qorti.

(ii) Ġaladarba BGH ġiet xolta l-velu li kien jeżisti bejn l-azzjonisti u BGH tneħħa. L-assi, inkluża l-informazzjoni, għandhom imorru għand l-azzjonisti. Ir-relazzjoni tal-konvenuta issa saret waħda diretta mal-attriċi.

(iii) L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li Urtica Ltd irrinunzjat għall-aħħar talbiet tagħha “bla motivazzjoni”. Għamlet hekk għaliex ġaladarba Geraldine Schembri rrifjutat, anke wara li ntalbet b’ittra, li tagħti d-dokumenti u informazzjoni, ma setgħax jiġi kkonfermat x’kienu d-danni li ġarrbet Urtica Limited.

(iv) L-Ewwel Qorti qassmet ħażin l-ispejjeż tal-kawża.

20. Il-konvenuta wieġbet għall-appell inċidentali li:

(i) Mhuwiex ċar jekk l-appell huwiex mill-ewwel jew mit-tieni sentenza.

(ii) Azzjonista m’għandux id-dritt għall-informazzjoni li qiegħdha titlob l-attriċi dwar l-operat tal-kumpanija; wisq inqas għandhom dan id-dritt l-intervenuti fil-kawża bħala l-*ultimate benefical owners*. Informazzjoni li ġiet miċħuda fis-sentenza tas-27 ta’ Ottubru 2014 fl-ismijiet **Dr.**

**Suzanne Wolfe Martin noe vs Ganado & Associates** minn liema hemm appell pendenti[3].

(iii) BGH ġiet xjolta bl-adeżjoni tal-attriċi li approvat il-*liquidation accounts* u l-i*scheme of distribution*. Urtica ma tistax tivvanta pretenzjonijiet kontra kumpanija li ma teżistix. Jekk xejn messha rrikorriet għar-rimedji kkontemplati fl-Art. 300A jew 300B tal-Kap 386. Wara l-istralċ, azzjonista jkollu dritt jirċievi sehmu mill-assi; il-kotba jibqgħu għand l-istralċjarju għal għaxar snin imma mhux għaliex l-azzjonisti jista' jkollhom bżonn aċċess għalihom.

(iv) It-tielet aggravju huwa infondat għaliex l-ewwel sentenza ma kinitx għaddiet in ġudikat.

Ikkunsidrat:

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iwieġeb sewwa għad-doljanza tal-attriċi **fl-appell inċidentali** tagħha l-pronunzjament tagħha, diversament komposta, fis-sentenza tal-appell mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 mis-sentenza numru 1078/13/1 AE fuq imsemmija li fiha l-attriċi f'din il-kawża kienet waħda mill-atturi, u l-kumpanija li dwarha kienet qiegħdha tintalab informazzjoni kienet ukoll BGH:

[3] Sussegwentement din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell – ara iktar 'l isfel f'din is-sentenza.

"25. Illi l-Qorti tagħraf li l-qagħda li tirrigwarda ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma ssibx tweġiba għaliha f'xi dispożizzjoni partikolari tal-liġi, għaliex hija tista' tgħid sajma għal kollox f'dan ir-rigward[4]. Huwa stabbilit ukoll li, mat-tħassir ta' isem ta' kumpanija mir-Reġistru, il-personalità legali tagħha tintemm għal kollox[5]. Għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ fil-każ tal-mewt ta' persuna fiżika, il-"mewt" legali ta' kumpanija ma tħallix 'werrieta', u għalhekk kollox imut magħha. Wieħed jistenna li l-pretensjonijiet u l-jeddijiet ta' kull min ikun dwar tali kumpanija jitressqu u jintalbu sakemm ikun għadu miexi l-proċess ta' likwidazzjoni u stralċ. F'bosta sistemi ta' dritt oħrajn, kull "ġid" jew assi ta' kumpanija li isimha jitħassar minn fuq ir-reġistri u li ma jkunx ġie assenjat, tħallas jew tqassam matul il-proċess ta' stralċ isir "*bona vacantia*". Il-Qorti tqis li din għandha tkun il-qagħda fil-każ ta' kumpanija Maltija li isimha jitħassar mir-Reġistru, u sakemm jibqa' hekk imħassar.

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kull dritt għal informazzjoni inkluż dokumenti li l-attriċi seta' kellha waqt il-ħajja tal-kumpanija, spiċċa mal-likwidazzjoni tagħha. Għalhekk l-aggravju li d-dokumenti li tippretendi aċċess għalihom l-attriċi appellata jaqgħu fil-parametri tal-każijiet eċċezzjonali li fihom hemm dan id-dritt, jisfa' wieħed merament akkademiku.

23. Kif sewwa rrilevat il-konvenuta, Urtica Limited stess approvat mingħajr ebda riżerva il-proċess kollu tal-istralċ. M'għamlet l-ebda oġġezzjoni qabel ma GBH ġiet *struck off*. Ma tistax issa tattakka l-istess proċess tal-istralċ li ffirmat biex jinbeda u segwietu sakemm intemm.

---

[4] Ara l-artt. 244 u 264(1) tal-Kap 386.
[5] Art. 4(4) tal-Kap 386.

24. Għalhekk l-ewwel żewġ aggravji tal-appell inċidentali sejrin jiġu miċħuda.

25. It-tielet aggravju tal-appell inċidentali huwa bla siwi għaliex l-Ewwel Sentenza kienet għadha m'għaddietx in ġudikat.

26. Ir-raba' aggravju tal-appell inċidentali huwa, anke in vista tal-premess, mingħajr siwi u sejjer jiġi miċħud.

***Decide***

27. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda previa l-ilqugħ parzjali tal-aggravji kif fuq spjegat, tilqa' l-appell tal-konvenuta, tiċħad l-appell inċidentali tal-attriċi; tiċħad l-ewwel tlett talbiet tal-attriċi u għalhekk tħassar l-Ewwel Sentenza. Tbiddel it-Tieni Sentenza billi tordna li l-ispejjeż ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitbatew kollha kemm huma mill-attriċi. Spejjeż tat-tieni istanza wkoll a karigu tal-attriċi. B'dan illi l-ispejjeż tal-intervenuti *in statu et terminis* taż-żewġt istanzi jkunu a karigu tagħhom stess.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da